**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**MR. HENRY JAMES PEARSALL**

**Illum 11 ta' Ottubru 2016**

**Rikors Numru 17/16**

**Polychronis Chatzoglou**

**Vs**

**Ministeru ghall-Finanzi**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Polychronis Chatzoglou** ipprezentat fit-28 ta' Marzu 2016 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi r-rikorrent huwa cittadin Grieg stat ta' l-unjoni Ewropea.*
*Illi r-rikorrent illu Malta minn Septembru 2012 sabiex jkompli l-istudji tieghu hawn Malta.*
*Illi fil-Jannar 2015 ir-rikorrent importa gewwa Malta l-vettura numru KBN6639 tat-tip Toyota Auris.*

*Illi din il-vettura hija tar-rikorrenti u li ilha ghandu ghan numru twil ta' snin u li halla warajh l-Gregja u ttrasferixxa ruhu hawn Malta.*
*Illi fit-23 ta' Dicembru 2015, ir-rikorrent applika ghall-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa tar-registrazzjoni fuq vettura bil-mutur Toyota Auris KBN6639 (DOK A bid-dokumenti annessi maghha), u dan ai termini tal-artikolu 19 tal-Kapitolu 368, Att Dwar Ir-Registrazzjoni u*

*Licenzjar ta' Vetturi bil-mutur u regola 4 tar regoli dwar ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni ta' vettura bil-mutur. (*
*Illi mal- din l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa tar-registrazzjoni fuq vettura sui riferita , ir-rikorrent ipprovda, fost dokumenti ohrajn, evidenza fir-rigward tal-istudju tieghu hawn Malta kif ukoll dokumenti relatati mal-vettura tieghu.*

*Illi permezz ta' ittra datata 7 ta' Marzu 2016, ir-rikorrent gie infurmat mill intimat Ministeru ghall-Finanzi li huwa ma jissodisfax ir-rekwiziti stipulati f' Regolament 4(3)(d) u 4(3)(f) tal-Avviz Legali 440 TAL 2013 sabiex jkun ezentat mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni fuq il-vettura Toyota Auris KBN6639.(DOK B)*
*Illi r-rikorrent ihoss illi t-talba tieghu kellha tintlaqgha mill-Bord in-sostenn tal-evidenza li r-rikorrenti ipprovda lid-dipartiment. U ghalhekk ihoss illi l-intimat kellu jilqa' u mhux jichad l-applikazzjoni tieghu ghall- ezenzjoni tat-taxxa tar-registrazzjoni fuq il-vettura Toyota Auris KBN6639.*
*Illi l-aggravju tar-rikorrent ghad-decizzjoni moghtija fis-7 ta' Marzu 2016 mill intimat Ministeru ghall-Finanzi huwa fis-sens illi :-*

a) *L-intimat ma hax kunsidarazzjoni ghalistatus tal-rikorrent hawn Malta u cioe' dak ta' full time student fil-Universita' ta' Malta kif gie pruvat mir-rikorrent.*

*Illi inforza ta' l-artikolu 18(1)(c) tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid "kull vettura bil-mutur M1 jew vettura bil-mutur N1 jew ċikletta li tiġi importata jew tkun ġiet miġjuba temporanjament Malta minn student li jkollu residenza normali tiegħu barra minn Malta biex tintuża għall-użu personali tiegħu u li jkun ser joqgħod f'Malta għall-iskop uniku biex isegwi l-istudji tiegħu f'istituzzjoni edukattiva hekk awtorizzata mill-awtoritajiet tal-edukazzjoni", kif ukoll*
*Illi inforza ta' Id-Direttiva tal-Kunsill tat-28 ta' Marzu 1983 (83/182/EEC) Artiklu 5(1)(b) li jghid "meta xi student juża xi vettura privata reġistrata fl-Istat Membru tar-residenza normali tiegħu fit-territorju ta' xi Stat Membru ieħor li fih l-istudent ikun joqgħod għall-fini biss ta' studju."*
*Illi r-rikorrent qieghed ukoll jaghmel referenza ghall-artiklu 7(1) ta' l-istess Direttiva li jghid "Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "residenza normali" tfisser il-post fejn xi persuna tgħix normalment, jiġifieri għal mill-inqas 185 jum f'kull sena kalendarja, minħabba xi rbit personali u taxxogħol, jew, fil-każ ta' xi persuna li ma jkollhiex irbit tax-xogħol minħabba rbit personali li juru rabtiet mill-qrib bejn dik il-persuna u l-post fejn qed jgħix. Iżda, ir-residenza normali ta' xi persuna li l-irbit tax-xogħol tagħha jkun f'post differenti minn dak ta' l-irbit personali u li jgħix konsegwentement f'postijiet differenti sitwati f'żewġ Stati Membri jew aktar għandu jitqies li jkun il-post ta' l-irbit personali tagħha, sakemm dik il-persuna tirritorna hemmhekk regolarment. Din l-aħħar kondizzjoni ma teħtieġx li tkun sodisfatta meta l-persuna tkun tgħix f'xi Stat Membru sabiex tagħmel xogħol ta' tul definit. Attendenza f'xi università jew skola ma timplikax trasferiment tarresidenza normali."*

*U ghalhekk il-fatt li huwa qieghed jghix Malta sabiex jistudja ma jmurx kontra l-artikolu 18 (1) (c) anzi issahhah ir-raguni ghaliex l-intimat ma kellux ma jilqax it-talba tar-rikorrent ghal ezenzjoni.*

*Illi bhala xhieda n-sostenn li dak illi qed jigi allegat, huwa jixtieq jipproduci lil:*

a) *Id-Direttur tal-Identity Malta jew il-raprezzentant tieghu.*
b) *Ufficjali tal-Aworita' ta' Malta dwar it-Trasport.*
c) *Il-Faculty Officer ta' ICT department Universita' ta' Malta.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li d-decizzjoni tal-Ministru tal-Finanzi tigi revokata u minnflok l-applikazzjoni tar-rikorrenti sabiex jigi ezentat mill hlas ta' taxxi ta' registrazzjoni tigi milqugha stante l-istatus ta' student li huwa jgawdi hawn Malta ai termini ta' Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll Council Directive 83/182/EEC."*

Ra r-risposta tal-**Ministeru tal-Finanzi**ipprezentata fid-19 ta' April 2016 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"

1. *ILLI fl-ewwel lok, għal kull buon fini, jiġi rilevat illi sal-lum, għadha ma saret l-ebda notifika ta` dan ir-rikors lill-Uffiċċju ta` l-Avukat Ġenerali ai termini tas-**subartikolu 3 ta` l-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta` Malta**, u għalhekk, għalkemm il-Ministru għall-Finanzi ġie notifikat fl-1 ta' April 2016, it-terminu ta` għoxrin jum skont dan l-istess subartikolu għadu ma bediex jiddekorri ġialadarba ma saritx tali notifika;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponent sejjer bil-preżenti risposta, iwieġeb għar-rikors tal-appell interpost min Polychronis Chatzoglou li permezz tiegħu talab lil dan it-Tribunal sabiex jirrevoka d-deċiżjoni tal-Ministru appellat datat 7 ta' Marzu 2016 u minflok l-applikazzjoni tar-rikorrent sabiex jiġi eżentat mill-ħlas ta' taxxi ta' reġistrazzjoni tiġi milqugħa stante l-istatus ta' student li huwa jgawdi hawn Malta;*

3. *Illi l-esponent jeċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi muri fil-mori ta' dan ir-rikors;*

4. *Illi l-esponent jirrileva illi kien hemm raġunijiet validi skont il-liġi li fuqhom ġiet ibbażata d-deċiżjoni ta' rifjut għall-eżenzjoni tat-taxxa ai termini tal-**Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 hemm kif emdata bl-Avviż legali 440 tas-sena 2013** taħt **regolament 4(3)(d)** fejn l-imsemmi regolament jirrikjedi illi sabiex vettura tkun tista' tikkwalifika għall-eżenzjoni taħt is-subartikolu (1) "l-applikazzjoni biex il-vettura tiġi eżentata ssir mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel id-data li fiha l-applikant jieħu r-residenza normali tiegħu f'Malta u mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara dik id-data" u kif ukoll taħt **regolament 4(3)(f)** li jgħid illi "meta l-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza tagħha lejn Malta u l-vettura tkun għadha ma waslitx Malta, l-applikazzjoni għall-eżenzjoni għandha ssir fi żmien tletin ġurnata minn meta l-vettura tasal Malta."*

5. *Illi jirriżulta mill-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrent għall-eżenzjoni mill-ħlas ta' taxxa fuq ir-reġistrazzjoni tal-vettura u li tinsab hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok A,*** *illi l-applikazzjoni ġiet sottomessa fid-29 ta' Diċembru 2015;*

6. *Illi jirriżulta minn korrispondenza permezz ta' emails bejn ir-rikorrent u s-Sur Francis Attard għan-nom taċ-Chairman tat-Transfer of Residence Exemption Board (hawn annessi u mmarkati bħala* ***Dok B****) illi skont kif iddikjara r-rikorrent stess hu trasferixxa r-residenza tiegħu hawn Malta fl-14 ta' Marzu 2013. Di piu' dan jirriżulta ukoll mir-residence card tiegħu, kopja ta' liem ġiet preżentata mal-applikazzjoni li tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata bħala* ***Dok J****;*

7. *Illi l-applikant iddikjara fl-applikazzjoni msemmija li ġab il-vettura tiegħu hawn Malta fil-5 ta' Jannar 2015;*

8. *Illi in vista tas-suespost huwa evidenti li l-appellant ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti taħt* ***ir-regolamenti 4(3)(d)u 4(3)(f) tal-L.S. 368.01*** *stante illi l-applikazzjoni għall-eżenzjoni mill-ħlas ta' taxxa fuq ir-reġistrazzjoni tal-vettura ma saritx fil-perjodu stabbilit fir-regolamenti;*

9. *Illi ladarba l-appellanti ma ssodisfatx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-imsemmija regolamenti* ***4(3)(d) u 4(3)(f) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01****, l-esponent ma seta' jagħmel xejn ħlief jeżegwixxi l-obbligu mpost fuqu permezz tal-imsemmija regolamenti u ma jagħtix l-eżenzjoni kif fil-fatt hekk għamel permezz tad-deċiżjoni hawn attakkata;*

10. *Illi jsegwi għalhekk li l-aggravju ma hu sostenibbli xejn u għalhekk għandu jiġi miċħud*

***Għ****aldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jiċħad it-talba kif dedotta fir-Rikors Promotur, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent."*

Sema' x-xhieda tar-rikorrent,[1] ta' Derek Camilleri,[2] ta' Stephanie Abood,[3] ta' Brian Farrugia,[4] u ta' Francis Attard;[5]

Ra l-atti l-oħra kollha tal-kawza;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

---

[1] A fol. 87 sa 89
[2] A fol 91 sa 92 u minn fol. 114 sa116
[3] A fol. 99
[4] A fol. 101 sa 103
[5] A fol. 123 sa fol. 126

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni mahruga mit-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar 'il quddiem imsejjah "Il-Bord") datata 7 ta' Marzu 2016 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01)*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 6 of 2012 under rule 4(3)(d) which stiuplates that "the vehicle is declared for exemption not earlier than two months before the date on which applicant becomes normally resident in Malta and not later than twelve months following that date;" and under rule 4 (3) (f) which stipulates that "where the person has transferred his residence to Malta and the vehicle has not yet arrived in Malta, the application for exemption is to be made within thirty days from the arrival of the vehicle in Malta."*[6]

Illi qabel ma dan it-Tribunal jidhol fil-mertu, se jissorovola l-ewwel eccezzjoni tal-Ministeru intimat li permezz taghha irrileva li ma saret l-ebda notifika tar-rikors promutur lill-Avukat Generali. Illi din l-eccezzjoni hija *ormai* sorvolata peress li l-Ministeru intimat ipprezenta r-risposta tieghu fit-terminu u ghalhekk, f'dan il-kaz, m'hemmx lok li tigi applikata s-salvagwardja tal-artikolu 181B tal-Kaptiolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk it-Tribunal se jghaddi biex jinvesti l-mertu ta' dan l-appell.

Illi mill-fatti jirrizulta illi r-rikorrent wasal hawn Malta f'Settembru 2012 fejn attenda ghal kors fil-lingwa Ingliza u sussegwentement beda jsegwi l-kors ta' MSc fl-Informatika u t-Teknologija tal-Komunikazzjoni, liema kors ir-rikorrenti ghadu ma ffinalizzahx. Jirrizulta wkoll illi sussegwentement huwa applika, u ottjena, permess ta' residenza peress li kien jikkwalifika ghal tali permess taht il-kappa ta' student. Imbaghad f'Jannar 2015 huwa gab il-vettura tieghu mill-Grecja hawn Malta u f'Dicembru 2015 applika sabiex jigi ezentat mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq l-istess vettura. Jirrizulta wkoll illi f'Novembru 2015 beda impjieg *part-time* hawn Malta.

Illi mbaghad fid-29 ta' Dicembru 2015 applika ghall-ezenzjoni tat-taxxa tar-registrazzjoni, liema talba giet michuda abbazi ta' zewg binarji u cioe`:-

---

[6] Vide Dok B a fol. 52

1. Stante li r-rikorrent kien ilu residenti f'Malta mill-2013 u kwindi huwa kellu massimu ta' tnax-il xahar minn meta sar hekk residenti biex japplika ghall-ezenzjoni ladarba l-vettura ma kinitx ghadha Malta; u
2. Stante li r-rikorrent ma applikax ghall-ezenzjoni fi zmien tletin gurnata minn meta l-vettura waslet Malta, u cioe` tletin gurnata mill-5 ta' Jannar 2015.

Illi ai termini tal-artikolu 18 tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta (l-Att dwar ir-Re[istrazzjoni u l-Li`enzjar ta' Vetturi bil-Mutur):

*"(1) Bla ħsara għal kull ħaġa oħra li hemm f'dan l-Att, il-vetturi li ġejjin jistgħu, bla ħsara għal xi kondizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet preskritti b'regolamenti, jintużaw fit-triq mingħajr ma tkun tħallset fuqhom it-taxxa tar-reġistrazzjoni jew parti minnha u mingħajr il-ħieġa li jiġu rreġistrati mal-Awtorità:*

*ċ) kull vettura bil-mutur M1 jew vettura bil-mutur N1 jew ċikletta* ***li tiġi importata jew tkun ġiet miġjuba temporanjament Malta minn student li jkollu rresidenza normali tiegħu barra minn Malta biex tintuża għall-użu personali tiegħu u li jkun ser joqgħod f'Malta għall-iskop uniku biex isegwi l-istudji tiegħu f'istituzzjoni edukattiva hekk awtorizzata mill-awtoritajiet tal-edukazzjoni;"***

*Imbaghad fis-subartikolu 5 (c) inisbu:-*

***"Persuna li tgħix f'pajjiż primarjament għall-għan biex tattendi skola jew università jew għal stabbiliment ieħor edukattiv jew vokazzjonali m'għandhiex tiġi meqjusa li għandha r-residenza normali tagħha f'dak il-pajjiż."***

Illi minn dak li qieghed jifhem dan it-Tribunal, ir-rikorrent ottjena l-peress ta' residenza hawn Malta sabiex ikompli l-istudji tieghu, pero`, m'ghandu l-ebda intenzjoni u qatt ma kellu, li jistabilixxi r-residenza tieghu hawn Malta. Ghalhekk, certament, ma jiskattax artikolu 19 tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta li jezenta mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni vettura *"li tkun il-proprjetà personali ta' individwu privat* ***u li tkun qiegħda tinġieb b'mod permanenti f'Malta mill-individwu meta huwa jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu minn post barra minn Malta għal post f'Malta****".*

Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal ir-rikorrent kien zbaljat meta applika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-formola intiza ghal dawk li ttrasferew ir-residenza normali taghhom hawn Malta, u dan ghax skond l-artikolu 18 citat aktar 'il fuq huwa ezentat awtomatikament la darba qieghed hawn Malta bl-istatus ta' student tal-Universita` ta' Malta. Lanqas ma jista' jinghad li japplika ghas-sitwazzjoni tieghu artikolu 19 fuq citat stante li l-vettura ma ngabitx hawn Malta b'mod permanenti u lanqas ir-rikorrent ma

ttrasferixxa r-residenza normali tieghu b'mod permanenti. Fil-fatt jekk wiehed jara t-twegiba li ta r-rikorrent lill-Ministeru fl-*email* datata 7 ta' Jannar 2016 a fol. 65 huwa specifika li huwa gab il-permess ta' residenza fl-14 ta' Marzu 2013, pero` dan ma jfissirx li huwa ttrasferixxa r-residenza normali tieghu hawn Malta.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal ghandu quddiemu kaz *sui generis* fejn ir-rikorrent applika ghall-ezenzjoni meta fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal ma kienx necessarju li japplika ghal tali ezenzjoni sakemm ghadu jikkwalifika bhala student f'istituzzjoni edukattiva awtorizzata. Min-naha l-ohra il-Bord kellu quddiemu applikazzjoni li ried jaghti decizjoni dwarha u r-ragunijiet imressqa minnu ghar-rifjuta tal-applikazzjoni, li kieku r-rikorrent ma kienx student, kienu ragunijiet validi fil-ligi.

Illi ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Bord ma ghamilx assessjar tajjeb tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u kwindi qieghed jannulla u jirrevoka l-istess decizjoni u jistieden lill-Bord sabiex jerga' jezamina l-applikazzjoni tar-rikorrent u jekk ikun il-kaz jaghti dawk id-direzzjonijiet kif espressi f'din is-sentenza.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell tar-rikorrent fit-termini fuq espressi u filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tal-Ministeru intimat jichad ir-rimanenti eccezzjonijiet.

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**